**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 31/17 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elf disa` mija tmienja u tmenin (1988) ġewwa l-Awstralja, (Dok. A) u minn dan iż-żwieġ twieldu tlett ulied, li huma maġġorenni;
2. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati jgħaddu għall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok. B anness) in forza ta' Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmisitax (2015);

3. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012);
4. Illi m'hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba` snin ma jgħixux flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola 7) il-partijiet iddekadew reċiprokament mid-dritt li jesiġu manteniment mingħand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejnet il-partijiet

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz tagħha qed tinforma lil din il-Qorti li ma għandhiex oġġezzjoni għat-talba rikorrenti u tiddikjara li ma hemmx manteniment dovut u ma hemmx lok ghal rikonċiljazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Frar, 2017;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u ma deherx ghas-seduta tal-15 ta' Gunju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Jannar 2016 u de facto separati minn Awissu tas-2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.